MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 329/2006

Kawza fil-lista: 46

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti ccelebraw zwieg civili bejniethom fid-9 ta' Jannar 1991, gewwa r-Registru Pubbliku, Valletta, skond ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom, kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghalihom illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens ta' l-istess kontendenti, jew min minnhom, inghata wkoll b' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi inoltre, il-kunsens tal-partijiet gie eskluz minhabba zball fuq l-identita' ta' l-istess partijiet jew min minnhom, kif ukoll inkiseb b' qerq fuq xi kwalita' ta' l-istess partijiet jew min minnhom, li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

5. Illi ghalhekk, iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Jannar 1991 huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att dwar iz-zwieg ta' l-1975.

6. Illi dawn il-fatti huma a konoxxenza diretta ta' l-esponenti.

Tghid il-konvenuta ghaliex dina l-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-partijiet nhar id-9 ta' Jannar 1991, bhala null u bla ebda effett fil-Ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet li ma topponix ghat-talbiet attrici purche' illi ma jkunx dikjarat illi z-zwieg de quo huwa null u bla effett ghal xi tort imputabbli lilha, u toggezzoni ghall-ispejjez;

Rat l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja minn din il-Qorti li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fid-9 ta' Jannar 1991 huwa null u bla effett fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet, jew min minnhom, huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta tghid li n-nullita', jekk tezisti, mhux imputabbli lilha.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu civilment fid-9 ta' Jannar 1991, meta allura l-attur kellu 19-il sena u l-konvenuta kellha 18-il sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett snin. Sussegwentement, fit-30 ta' Ottubru 1993 twieldet tifla minn dan iz-zwieg, u dsatax il-gurnata wara, fis-19 ta' Novembru 1993, izzewwgu bir-rit religjuz. Wara konvivenza ta' circa sitt snin il-partijiet isseparaw de facto.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u ma tarax raguni ghaliex ma taghtihomx affidament.

Jirrizulta li l-genituri taz-zewg partijiet, u senjatament il-genituri tal-konvenuta, kienu kontra l-fatt li dawn jibqghu flimkien, stante li l-attur kien mohh ir-rih u ma kienx bniedem li juri li kapaci jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu. Meta l-konvenuta ppersistiet fir-relazzjoni taghha ma' l-attur, hija kellha titlaq mid-dar tal-genituri taghha minhabba d-dizgwid li kien jinqala' kagun ta' din ir-relazzjoni li kellha, u marret tghix ma' l-attur fid-dar ta' missieru, li pero' kienet zghira hafna. Okkazzjoni minnhom, peress li ma kienu xejn komdi fid-dar ta' missier l-attur, dan qal lill-konvenuta "isma' nizzewgu u nitilqu l' hemm, u qablet mieghi u qbadna t-triq dak in-nhar stess

jew l-ghada u nzilna ghand tar-registru.."[1] B' hekk il-partijiet izzewwgu minghajr pjanijiet serji, u minghajr festeggjament u minghajr ma kienu jafu l-genituri tal-konvenuta.

L-attur jghid li l-problemi matrimonjali kienu bdew mill-ewwel, stante li hu "qatt ma hassejtni marbut, u allura kont nibqa' nohrog mal-hbieb" u kien ukoll jiffrekwenta t-tfajliet barranin li kienu jingabru lejn in-naha fejn kienu joqghodu. Dan gie konfermat mill-konvenuta, u minn shabu stess. Huwa ma kienx jahdem u kien jiehu l-flus tar-registrar, filwaqt li l-konvenuta kienet baqghet tahdem.

Sussegwentement il-konvenuta harget tqila u weldet tifla; izda sabet opposizzjoni qawwija minn naha ta' l-awtoritajiet tal-knisja sabiex taghmmidha, stante li ma kienux mizzewwgin bir-rit religjuz. Rizultat ta' dan, il-partijiet izzewwgu bil-knisja fis-19 ta' Novembru 1993, dsatax il-gurnata biss, wara t-twelid tat-tarbija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti tosserva li l-mod kif il-partijiet dahhlu ghaz-zwieg civili, u wkoll kif dahhlu ghaz-zwieg bir-rit religjuz huwa sinifikattiv hafna ghax juru bl-aktar mod car li fiz-zewg okkazzjonijiet fil-forma mentis taghhom iz-zwieg kien biss avventiment ta' konvenjenza tal-mument u mhux ghax verament xtaqu li jizzewwgu.  Dan johrog b' mod car fil-konfront ta' l-attur, mill-mod kif kien igib ruhu, kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara, anke wara li kellhom it-tarbija. Iz-zwieg civili kien merament spedjent sabiex imorru jghixu ghar-rashom u jitilqu mid-dar ta' missier l-attur, filwaqt li z-zwieg religjuz kien ukoll merament spedjent sabiex l-awtoritajiet tal-knisja jaccettaw li jghammdu t-tifla.

Illi minn naha ta' l-attur jirrizulta car li dan qatt ma kellu l-hsieb li jghix il-hajja matrimonjali bl-obbligu tal-fedelta' lejn il-konvenuta. Di fatt, anke wara z-zwieg dana baqa' jghix il-hajja ta' guvni u jiffrekwenta tfajliet barranin. F' dawn ic-cirkostanzi, huwa ferm ovvju li z-zwieg bejn il-partijiet ma setghax jirnexxi, u dana mill-bidu nett stante li fil-mument

[1] Fol.42

tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur internament u b' att posittiv tal-volonta tieghu kien eskluda fil-konfront ta' martu l-konvenuta l-obbligu essenzjali tal-fedelta' kif ukoll tal-konvivenza bazata fuq il-benessere reciproku.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti ta' l-attur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta' Jannar 1991. L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------